32006D0573

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Awwissu 2006

li taħtar membri għall-Kumitat Xjentifiku dwar il-Limiti ta' l-Esponiment għal Aġenti Kimiċi waqt ix-Xogħol għal terminu ġdid ta' kariga

(2006/573/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/320/KE tat-12 ta' Lulju 1995 li twaqqaf Kumitat Xjentifiku dwar il-Limiti ta' Esponiment għal Aġenti Kimiċi waqt ix-Xogħol [1], minn issa 'l quddiem "il-Kumitat", u b'mod partikolari ta' l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidrat il-lista ta' kandidati ppreżentata mill-Istati Membri,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 95/320/KE jipprevedi li l-Kumitat għandu jikkonsisti minn mhux aktar minn 21 membru magħżula minn fost kandidati adattati proposti mill-Istati Membri u li jirriflettu l-firxa sħiħa ta' għarfien xjentifiku espert li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq il-mandat tal-Kumitat.

(2) L-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 95/320/KE jipprevedi li l-Kummissjoni għandha taħtar il-membri tal-Kumitat, fuq il-bażi ta' l-għarfien espert xjentifiku u l-esperjenza tagħhom evidenzati, wara li tkun ikkunsidrat il-ħtieġa li tiżgura li jkunu koperti d-diversi oqsma speċifiċi.

(3) L-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni 95/320/KE tipprevedi li t-terminu tal-kariga tal-membri tal-Kumitat għandu jkun ta' tliet snin u li l-ħatra tagħhom għandha tkun tista' tiġġedded. Wara li jiskadi ż-żmien ta' tliet snin, il-membri tal-Kumitat jibqgħu fil-kariga sakemm jinbidlu jew sakemm jiġġeddu l-ħatriet tagħhom.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ottubru 2002 [2] ħatret il-membri tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Limiti ta' Esponiment għal Aġenti Kimiċi waqt ix-Xogħol għat-tielet terminu ta' kariga mill-1 ta' April 2002 sal-31 ta' Marzu 2005.

(5) Għalhekk jeħtieġ li l-membri tal-Kumitat jinħatru għarraba' terminu tal-kariga (mill-1 ta' Lulju 2006 sat-30 ta' Ġunju 2009).

(6) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri, skond l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 95/320/KE,

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-Kummissjoni taħtar il-membri li ġejjin tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Limiti ta' Esponiment għal Aġenti Kimiċi waqt ix-Xogħol għat-terminu ta' kariga mill-1 ta' Lulju 2006 sat-30 ta' Ġunju 2009:

Bertazzi, Prof. Pier Alberto	L-Italja
Bolt, Prof. Hermann	Il-Ġermanja
Dominique, Dr. Lison	Il-Belġju
Fabiánová, Dr. Eleonóra	Is-Slovakkja
Foà, Prof. Vito	L-Italja
González, Dr. Enrique	Spanja

[1] ĠU L 188, 9.8.1995, p. 14. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/275/KE (ĠU L 101, 11.4.2006, p. 4).

[2] ĠU C 245, 11.10.2002, p. 5.

Greim, Prof. Helmut	Il-Ġermanja
Hartwig, Prof. Andrea	Il-Ġermanja
Hay, Prof. Alastair	Ir-Renju Unit
Hudak, Dr. Aranka	L-Ungerija
Johansson, Prof. Gunnar	L-Iżvezja
Levy, Prof. Leonard	Ir-Renju Unit
Masschelein, Prof. Raphaël	Il-Belġju
Meldrum, Mrs. Maureen	Ir-Renju Unit
Nielsen, Prof. Gunnar	Id-Danimarka
Nordman, Prof. Hendrik	Il-Finlandja
Pospischil, Dr. Erich	L-Awstrija
Pratt, Dr. Iona	L-Irlanda
Skowron, Dr. Jolanta	Il-Polonja
Stuecker, Dr. Isabelle	Franza
Woutersen, Dr. Ruud A.	L-Olanda

Magħmul fi Brussell, nhar it-18 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni
Vladimir SPIRLA
Membru tal-Kummissjoni